MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 212/2010

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 860/09 fl-ismijiet:**

**Schembri and Sons Limited**

**Vs**

**Brian Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Brian Zammit fit-8 ta' Gunju 2010 permezz ta' liema jitlob lil din il-Qorti tordna li l-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv numru 860/09 jithassar *in parte* fis-sens illi mill-imghax mitlub mis-socjetà ezekutanti ghandha tigi imnaqqasa s-somma ta' €706.32, rapprezentanti imghax komputat minnha ghall-perijodu bejn it-2 ta' Jannar 2004 u t-12 ta' Dicembru 2008, li ma gie fl-ebda mod kanonizzat bis-sahha ta' l-imsemmija ittra ufficjali, u dana soggett ghal kwalunkwe kondizzjoni li

jidhrilha opportun timponi; bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri kontra s-socjetà intimata;

Rat illi ghalkemm is-socjetà intimata giet debitament notifikata bir-rikors u inghatat zmien biex tipprezenta r-risposta taghha, naqset milli taghmel dan izda ikkontestat it-talba tar-rikorrenti verbalment waqt it-trattazzjoni orali;

Rat l-atti tal-process u semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti istitwixxa din il-procedura in bazi ghall-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta izda l-Qorti tirrileva li dan l-Artikolu tal-Ligi llum jinsab sostitwit bl-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bis-sahha ta’ l-Att XIV ta’ l-2006.

Ghalkemm bl-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta d-dritt biex jigi attakkat att ezekuttiv gie estiz ghal kull persuna ohra interessata oltre d-debitur ezekutat u it-termini entro liema tali rikors ghandu jigi notifikat, kontestat u trattat gew varjati xi ftit, il-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tal-procedura baqa’ l-istess li kien taht l-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’dan ir-rigward il-Qorti thoss li huwa opportun li ssir referenza ghal dak li inghad mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-Digriet wara r-rikors fl-ismijiet **Edward Pace v. Michael Sultana et, Rik. Nru. 287/05** pronuncjat fil-5 ta’ Mejju 2005 dwar l-iskop ta’ l-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta: *il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-disposizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma’ xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta’ l-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta’ kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun*

*inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra … l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji – il-Mandat mertu tal-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju*.

Peress illi l-iskop ahhari ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta baqa' l-istess bhall-iskop ta' l-Artikolu 283A ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta, dak enuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmi Digriet japplika ghall-Artikolu 281 tal-Kap.12 u quindi ghall-proceduri odjerni.

Ir-rikorrenti jikkontendi li l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 860/09 ghandu jithassar *in parte* fir-rigward tal-kap ta' l-imghaxijiet ghaliex is-socjetà intimata ma gietx kanonizzata kreditrici tieghu ghall-imghax ghall-perijodu bejn it-2 ta' Jannar 2004 u t-12 ta' Dicembru 2008 ghaliex fl-ittra ufficjali mahruga kontra tieghu a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma indikatx id-data minn meta kellu jibda jiddekorri tali imghax. Skond ir-rikorrenti l-imghax dekoribbli fil-konfront tieghu ghandu jkun konteggjat mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali imsemmija – ossia mit-12 ta' Dicembru 2008 – sad-data ta' l-effettiv pagament u huwa biss tali imghax li ghandu jkun kolpit bl-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru imsemmi u mhux l-imghax kif invece mitlub mis-socjetà intimata.

Ma hemm ebda dubju li l-kontestazzjoni tar-rikorrenti hija *marbuta mal-mertu innfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg*. Di fatti fil-fehma tal-Qorti ghad-determinazzjoni ta' din il-kontestazzjoni jrid isir ezami ta' dak provdut fl-Artikolu 1141 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta dwar minn meta jibda jiddekorri l-imghax fuq obbligazzjoni

u kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Brincat v. Anna Caruana, Appell Civili Nru. 832/01** deciza fit-3 ta' Gunju 2004, *huwa evidenti minn din id-disposizzjoni illi l-obbligazzjoni ta' l-interessi hija accessorja in kwantu l-istess norma ma tippresupponix indagini awtonoma mill-kreditu nnifsu*.

Il-fatt li s-socjetà intimata filwaqt li interpellat lir-rikorrenti ghall-hlas ta' l-imghax izda naqset milli tindika d-data minn meta dan kellu jibda jiddekorri, ma jbiddel xejn mill-indagini li trid issir u dana in vista tal-principju guridiku li anke meta fl-att li bih jigu istitwiti proceduri ghall-hlas ta' kreditu ma ssirx talba sabiex fuq il-kapital jiddekorri l-imghax il-Qorti xorta wahda tista' tikkundanna lid-debitur ihallas il-kapital bl-imghax u d-data minn meta jibda jiddekorri jiddependi fuq in-natura ta' l-obbligazzjoni jekk hijiex wahda ta' natura civili jew wahda ta' natura kummercjali[1]. Fil-fehma tal-Qorti ladarba dan il-principju japplika ghall-kaz fejn ma ssir ebda talba ghall-hlas ta' l-imghax ghandu certament japplika anke fil-kaz fejn l-imghax jintalab izda ma tigix indikata data preciza minn meta ghandu jibda jigi konteggjat. In oltre l-Qorti thoss li l-fatt li fil-kaz in ezami l-procedura adottata biex gie ottentu titolu ezekuttiv mis-socjetà intimata kontra r-rikorrenti kienet dik stipulata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jbiddel assolutament xejn.

Ladarba ghalhekk il-kontestazzjoni tar-rikorrenti hija *marbuta mal-mertu innfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg*, kienet korretta s-socjetà intimata f'li topponi ghat-talba tar-rikorrenti ghaliex il-kontestazzjoni minnu avvanzata ma tistax tigi indirizzata u deciza minn din il-Qorti permezz ta' proceduri a tenur ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-bqija l-Qorti tosserva li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni mad-daqqa t'ghajn jidher li jhares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu u bla dubju inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-

---

[1] **Costantino Abela v. George Azzopardi, Appell Civili Nru. 380/87** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru 2005.

Registratur tal-Qrati. B’hekk ma ssib ebda raguni tajba biex l-istess Mandat ta’ Sekwestru jigi attakkat.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tiddeciedi t-talba tar-rikorrenti billi tichad it-talba ghat-thassir *in parte* tal-Mandat ta’ Sekwestru bin-Numru 860/09 fl-ismijiet “Schembri and Sons Limited v. Brian Zammit” billi mhix misthoqqa; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------